

## V

(Avviżi)

## PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.9899 — KKR/Koos Holding Cooperatief)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 251/15)

1. Fl-24 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti)
- Koos Holding Coöperatief U.A. ("Koos Holding", in-Netherlands)

KKR takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-intier tal-impriża Koos Holding.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal KKR: ditta ta' investiment globali, li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' fondi ta' assi alternattivi u prodotti ta' investiment oħrajn lill-investituri u tipprovdi soluzzjonijiet għas-swieq tal-kapital għad-ditta, il-kumpaniji tal-portafoll tagħha u l-klijenti l-oħra,
- għal Koos Holding: l-iżvilupp u r-rinnovazzjoni ta' parks ta' vaganza, li jew tamministrathom u toperahom hi stess jew li għalihom tissieħeb ma' operatur li jaġixxi bħala aġent ta' prenotazzjoni. Il-parks tal-vaganzi huma operati taħt il-marka "Roompot" u jvarjaw minn postijiet ta' kampeġġ li joffru akkomodazzjoni tat-tined jew ta' bungalows sa għażla ta' vilel iktar ta' klassi. Koos Holding topera l-parks fin-Netherlands u fil-Ġermanja, u hija attiva bħala aġent ta' prenotazzjoni għall-parks fin-Netherlands, fil-Belġju, fi Franza, fl-Italja, fi Spanja u fid-Danimarka.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jenħtieġ li jiġi nmutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

(M.9899 — KKR / Koos Holding Cooperatief)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: [COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu](mailto:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu)

Faks: +32 122964301

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---